# DJARJU GĦAL ĠUNJU 2009

| DATA | ĦIN | ATTIVITÀ | POST |
|---|---|---|---|
| Il-Ħamis 4 | 6.00 pm | Ġurnata Adorazzjoni<br>Adorazzjoni organizzata mil-Lajċi OP | |
| Il-Ġimgħa 5 | | L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR<br>Festa tal-Qalb ta' Ġesù (ara Avviżi) | Duluri |
| Is-Sibt 6 | 7.30 am | L-EWWEL SIBT TAX-XAHAR<br>Uffiċċju tal-Madonna | Parroċċa |
| Il-Ħadd 7 | | **IT-TRINITÀ QADDISA**<br>Quddiesa Missallin Sena B, p 325 | |
| It-Tnejn 8 | | Tibda l-Ġimgħa Ewkaristika (ara avviżi) | |
| Il-Ħamis 11 | | Quddiesa u purċissjoni Ewkaristika (ara avviżi) | |
| Is-Sibt 13 | 7.30 am<br>6.00 pm | **IT-TIENI DEHRA TAL-MADONNA TA' FATIMA**<br>Uffiċċju tal-Madonna<br>Anniversarji Żwieġ | Parroċċa<br>Parroċċa |
| Il-Ħadd 14 | | **TIFKIRA SOLENNI TAL-ĠISEM U D-DEMM TA' KRISTU**<br>Quddiesa: Missalin Sena B, p 331 | |
| Il-Ħamis 18 | 6.00 pm | Ġurnata Adorazzjoni<br>Adorazzjoni Ewkaristika organizzata mill-Grupp Ħniena Divina | Parroċċa |
| Il-Ġimgħa 19 | | **FESTA TAL-QALB TA' ĠESU'** (Avviżi) | Ursolini |
| Is-Sibt 20 | 7.30 am | Uffiċċju tal-Madonna | Parroċċa |
| Il-Ħadd 21 | | **IT-12-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA**<br>Quddiesa Missalin Sena B, p 399<br>**Jum il-Missier** | |
| Il-Ħamis 25 | 6.00 pm | Ġurnata Adorazzjoni<br>Adorazzjoni organizzata mill-grupp Imeldini | |
| Is-Sibt 27 | 7.30 am | Uffiċċju tal-Madonna | Parroċċa |
| Il-Ħadd 28 | | **IT-13-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA**<br>Quddiesa Missalin Sena B, p 404 | |
| It-Tnejn 29 | | **GĦELUQ IS-SENA PAWLINA** | |







LEĦEN
FATIMA

*Parroċċa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Fatima*
*Gwardamanġa / Pietà*

*Nru. 302* *Ġunju 2009*

*Kelmtejn magħkom*

## *Nafdaw Ruħna fil-Qalb ta' Alla*

Kultant jiġu mumenti fil-ħajja tagħna meta nħossuna mhux maħbuba, ħadd ma jagħti każna u wisq aktar japprezza dak li nagħmlu... X'taqbad tagħmel???

Tajjeb niftakru li hemm xi ħadd li jħobbna dejjem kif aħna. Hemm xi ħadd li jagħti każna l-ħin kollu, jaħseb fina ħafna aktar milli naħsbu jew nimmaġinaw aħna. Hemm wieħed li japprezzana għal dak li nagħmlu, u forsi anke meta nkunu falluti!!! Dan hu Alla tagħna!!!

F'dan ix-xahar niċċelebraw il-Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, u l-Festa tal-Qalb ta' Ġesù – żewġ festi kbar li jfakkruna ħafna fil-qalb kbira ta' Alla tagħna. Permezz ta' dawn iż-żewġ festi aħna għandna u jista' jkompli jkollna esperjenza tal-imħabba ta' Alla tagħna li tidher b'mod qawwi f'Ġesù Ibnu u ħuna l-kbir.

Fid-29 ta' Ġunju tintemm is-Sena Pawlina – jalla lkoll kemm aħna, permezz tal-Appostlu Missierna San Pawl, kbirna xi ftit fil-fidi tagħna f'Ġesù Kristu.

*P. Michael M. Camilleri O.P.*
*Kappillan*



## FIL-FAMILJA TAGĦNA

**Ingħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ:**

Barra l-Parroċċa: Robert Mifsud u Joanne Bonnici (25 ta' April); Nicholas Spiteri Paris u Alessia Zammit McKeon (9 ta' Mejju); Malcolm Mallia u Francesca Pace Bonello (15 ta' Mejju); Christian Fenech u Audrey Mizzi (15 ta' Mejju)

***Nawgurawlhom***

**Irċevew l-Ewwel Tqarbina**

Amber Agius, Leon Azzopardi, Matthew Bezzina, Lionel Bouvet, Kylie Bugeja, Lara Caruana, Nikole Caruana, Abigail Decelis, Ryan Formosa Pace, Ismael Magro, Jake Saliba, Shaun Schembri.

***Nifirħulhom***

**Daħlu fil-Ħajja ta' dejjem**

John Guillaumier (25 ta' April);
Maria Lanzon (30 ta' April);
Jessie Cortis (8 ta' Mejju).

***Nitolbu għalihom***

**IN-NUMRU TAT-TELEFON TAL-KAPPILLAN**
**21 220 050**
**21 233 620**



## ADORAZZJONI KULL NHAR TA' ĦAMIS

Tajjeb li nfakkru li kull nhar ta' Ħamis wara l-Quddiesa ta' filgħaxija, ikun hemm adorazzjoni li tibqa' sejra sad-9.00pm. Din issir fil-Knisja Parrokkjali. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

**ĦINIJIET TA' L-UFFIĊĊJU TAL-KAPPILLAN**

| It-Tnejn: | L-Erbgħa: | Is-Sibt: |
|---|---|---|
| 9.30 am – 11.00 am<br>5.00 pm – 7.00 pm | 5.00 pm – 7.00 pm | 9.30 am – 11.00 am |





# AVVIŻI

- Festa tal-Qalb ta' Ġesu' – fil-Knisja tad-Duluri: nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, 5 ta' Ġunju 2009 fis-7.00am: Quddiesa u tibda ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika. Fis-6.00pm Quddiesa Kantata bl-omelija u Barka Sagramentali.
- Ġranet Ewkaristiċi: It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa 8, 9 u 10 ta' Ġunju 2009 – fil-5.30pm Adorazzjoni animata minn gruppi differenti. Fis-6.30pm quddiesa.
- Il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2009 – Festa tal-Ewkaristija: Fil-5.30pm Adorazzjoni u fis-6.30pm quddiesa konċelebrata mill-komunita' Dumnikana. Wara purċissjoni Ewkaristika, li tgħaddi minn Triq Sta Monika, Triq Hookham Frère, Telgħet Gwardamanġa, Triq id-Duluri (tingħata l-Barka Sagramentali fil-Knisja tad-Duluri), tkompli Triq id-Duluri, Triq Sta Monika u tidħol fis-Santwarju Parrokkjali fejn tingħata l-Barka Sagramentali.
- It-Tieni Dehra tal-Madonna ta' Fatima, nhar is-Sibt, 13 ta' Ġunju 2009 fil-5.30pm Rużarju meditat, fis-6.00pm quddiesa mill-Kappillan.
- Festa tal-Qalb ta' Ġesu' – fil-Knisja ta' l-Ursolini, nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2009. Fil-5.30pm Adorazzjoni animata mis-sorijiet Ursolini, fis-6.30pm Quddiesa solenni mill-Kappillan. Wara tibda purċissjoni Ewkaristika, li tgħaddi minn Triq l-Ursolini, Triq Ġużè Ellul, taqsam Triq San Luqa, Triq San Girgor, Triq Hookham Frère, Triq Santa Monika, tidħol fis-Santwarju Parrokkjali, terġa' lura minn Triq Santa Monika, taqsam Triq San Luqa, Triq Bordin u tidħol fil-Knisja tal-Ursolini u tintemm bil-Barka Sagramentali.
- Fl-20 ta' Ġunju: Ċelebrazzjoni tal-50 sena mill-ftuħ ta' Angela House – fis-6.30pm quddiesa mill-E.T.Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-Knisja ta' l-Ursolini.

## AVVIŻ

**Il-Kappillan japprezza ħafna li min ikollu lil xi ħadd fl-isptar jinfurmah minnufih biex imur iżuru.**

**ĦINIJIET TAL-QUDDIES TA' NHAR TA' ĦDUD U TAL-ĠRANET TA' L-OBBLIGU**

7.30 am; 8.30 am;
10.00 am; 12.00m u 6.00 pm.

LEĦEN FATIMA – (Rivista tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali)
Website tal-Parroċċa: http://www.freewebs.com/opfatima/
Editur: Saviour Friggieri
Maħruġ mill-Uffiċċju Parrokkjali – Stampat Offset: Veritas Press, Żabbar